MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2008

Numru. 428/2007

Il-Pulizija
(Sp Johan Fenech)
vs
Ivan Saliba, iben Francis, imwieled Pieta’ fit-9 ta’ Awwissu, 1973

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli fl-1 ta’ marzu, 2007 għal habta tal-10.15 p.m. f’Birżebbuġia, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta’ ħaddieħor f’perikolu ċar, ikkaġuna offiża ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Alexander Grech minn Birżebbuġia minħabba li l-istess offiża sejra ġġib sfreġju fil-wiċċ ta’ l-istess Alexander Grech, skond kif iċċertifika Dr. Anthony C. Bugeja miċ-Ċentru tas-Saħħa ta’ Raħal Ġdid;
2. talli fl-istess data, lok u ħin ħebb kontra Alexander Grech sabiex jinġurjah, idejqu jew jagħmillu ħsara;

3.      talli għamel lil Alexander Grech inġurji jew theddid, jew jekk kien provokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
4.      talli fl-istess data, lok u ħin kiser il-mistrieħ tan-nixes bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor.
Il-Qorti ġiet mitluba li barra l-piena stabbilita għal danir-reat tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta' ta' Alexander Grech u il-familja tiegħu.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-7 ta' jannar, 2008 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
fl-artikoli 216(1)(b), 218(1)(b), 338(dd), 338(1)(d) u 338(m) tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq il-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Ottubru, 2008 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Ottubru, 2008 fejn il-parte ċivile rtirat il-kwerela kontra l-imputat.

Illi minbarra din id-dikjarazzjoni ma hemm ebda prova kontra l-imputat.

Semgħet lill-prosekuzzjoni, l-avukat tal-parte ċivile u l-avukat ta' l-imputat.

Għaldaqstant, in vista ta' din id-dikjarazzjoni tiddikjara l-proċediment eżawrit dwar l-akkużi li ġew irtirati u ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi l-oħra u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------